MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Numru 28/1999

**Il- Pulizija**
(Supretendent Sandro Gatt)
Vs
**Roderick Debono**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Roderick Debono ta' 23 sena bin Alfred u Maria Concetta nee Felice, imwieled Pieta' fis- 6 ta' Novembru 1980 u residenti gewwa "Summit Court", Flat no. 4. Antonio Muscat Fenech Str., Qormi u detenur tal- karta ta' l- identita' bin- numru 7381(M).

Talli:

Fit- 13 ta' Novembru 1999 u matul dawn l- ahhar sitt xhur f' dawn il- gzejjer, f' hinijiet differenti kellu fil- pusses tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar- regolament 5(1)

tal- Avviz legali 22 tal- 1985 kif sussegwentament emendat u 40(A) u 120(A) u t- tielet skeda ta' l- Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l- Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha Kapitlu 31 tal- Ligijiet ta' Malta u l- Artikolu 16 ta' l- Att V tal- 1985 kif emendat liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinietx ghall- uzu esklussiv tieghu.

Rat l- ordni ta' l- Avukat Generali tas- 7 ta' Awwissu 2000, (fol 78).

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Semghet it- trattazzjoni tal- prosekuzjoni u d- difiza.

Ikkonsidrat,

1. Fuq taghrif li kellha l- prosekuzzjoni, l- pulizija marret tfittex lill- akkuzat fl- istabbiliment 'Going Places', Paceville. Ratu hemm gew izda dan intilef qalb in- nies. Regghet marret fuq il- post bejn il- lejl tat- 12 u t- 13 ta' Novembru 1999 u sabitu hemm hdejn il- bar jiehu grogg. Il- kuntistabbli numru 1491 Demanuele gharrfu li kien pulizija u ordnalu li johrog maghhom biex issirlu tfittxija il- Pulizija kienu tlieta l- imsemmi Demanuele, WPS 102 Ruth Magro u kuntistabbli numru 349, John Farrugia. Il- Pulizija u l- akkuzat kienu f' din il- qaghda:- Magro fuq in- naha tal- lemin tieghu, Demanuele warajh u t- 349 fuq in- naha tax- xellug. Fi kliem Magro:-

"Jiena osservajtu idahhal (idu) fil- but ta' quddiem tan- naha tal- lemin. Dak il- hin ghajjat – ghedtlu: 'Ohrog idejk minn gol- but: pero' zammha soda fil- but. Gbidtlu idejh jiena u jiena u nigbidlu jdejh waqghu ma l- art zewg bottijiet tal- films suwed. Dak il- hin ghajjat jiena,: Dawna mal- art', u elevajthom u ftahthom biex nara x' kien fihom. Sadantant beda jissara."

2. Din ix- xhieda hi kollha kollaborata mill- kuntistabbli Farrugia fid- dettal kollu taghha:- “Ahna konna certi milli rajna.”

Demanuele sema l- kliem ta’ Magro u billi l- akkuzat deherlu li kien ser jahrab zammu b’ idejh it- tnejn. Magro ma rax lill- akkuzat jarmi l- bottijiet imma semghu ukoll jghid li ma rema xejn.

3. Minghajr l- icken dubju l- bottijiet kienu fil- pussess ta’ l- akkuzat, dahhal idejh fil- but u meta Magro gibditlu idejh remihom fl- art. Il- Qorti semghet ix- xhieda ‘viva voce’ u temmen lil- dawn ix- xhieda. L- akkuzat mhux bniedem kredibli. Jghid li mar Paceville b’ taxi meta ghandu karozza, li l- flus fuqu kienu parti biex jixrob u parti biex jixtri ‘stereo’ “biex jekk fil- kaz ma nkunx sejjer norqod id- dar nibqa’ sejjer nixtri stereo.” Meta xhed quddiem il- Qorti semma li kellu jiltaqa’ ma tfajla li fl- istqarrija ma semmix u li fix- xhida bil- fomm hemm hafna fuq din il- laqgha.

4. Joseph Spiteri li jahdem fil- ‘Going Places’ jaf ferm izjed milli qal. Issemmi fost hwejjeg ohra li l- akkuzat ma halliex lill- Pulizija johorguh.

5. Il- bottijiet ittehdu mill- Pulizija l- ghassa tal- Marsa (Skwadra kontra id- Droga). Skond l- Ispizjar Mario Mifsud li xehed quddiem il- Qorti u kkonferma ir- rapport tieghu: Fil- bott vojt ma nstabux tracci ta’ sustanzi llegali u fil- bott l- iehor pillola wahda minn dsatax hija kontrollata bil- ligi taht it- tielet skeda, part A tal- Kap 31 tal- Ligijiet ta’ Malta.

6. Fic- cirkostanzi ma giex ppruvat li d- droga nstabet f’ tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall- uzu esklussiv tighu jew li l- akkuzat kellu l- hsieb li jitraffika. Jirrizulta biss pussess u ghalekk fil- waqt li ma ssibux hati tar- reat li kellu droga mhux ghal- uzu esklussiv issibu hati ta’ pussess.

Rat l- art 6(b) u l- art 22 (2)(b)(ii) u fil- waqt li ssib l- akkuzat hati taht l- art 6(b) tikkundannah hames mitt lira

Maltija multa (Lm 500) u tordna l- konfiska u d- distruzzjoni taht id- direzzjoni ta’ l- Ispizjar Mario Mifsud tad- droga misjuba. Il- Qorti m’ hix tapplika piena ta’ prigunerija stante l- eta’ tal- akkuzat u l- kondotta nadifa tieghu. Tittama li l- hati jzomm ruhu attiv fl- isports ma jghamilx dek li jista’ jeqridlu sahhtu u hidmietu. Rat it- talba tal- prosekuzzjoni a tenur ta’ l- art 533 tal- Kap 9, tilqaghha u tordna lill- akkuzat ihallas l- ispejjez tal- perizja ta’ l- Ispizzjar Mario Mifsud

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------